# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar It-Tnejn 16 ta' Mejju, 2016**

**Rikors nru: 275/2007 MLF**

**Joe Saliba**

**Vs**

**Miriam Dalli**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab (a) prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut tal-ahbarijiet tas-7:30 p.m. mxandra fit-28 t' Awissu, 2007, fuq One Television – li l-konvenuta hija l-editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur (b) il-konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-attur dik is-somma li tigi llikwidata minn din il-Qorti a tenur tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attur m'hijiex libelluza fil-konfront tieghu.

2. Illi inoltre l-fatti ndikati mill-attur jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet ta' l-istampa. Jekk l-attur dehrlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dan il-libell huma senjatament is-segwenti:

1. Il-konvenuta kienet l-editur registrat ghal One Television fil-gurnata in kwistjoni.
2. Fl-ahbarijiet tas-7.30pm mxandra fit-28 t'Awwissu 2007, One Television gab news item dwar l-attur, li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, fejn intqal li l-attur mar ghal btala fuq il-yacht tal-kuntrattur Zaren Vassallo, flimkien mal-familja tieghu.
3. L-attur xehed li hu habib personali ta' Zaren Vassallo u ilu jafu tletin (30) sena.
4. Fl-intervista li saritlu u li xxandrat fl-ahbarijiet in kwistjoni, l-attur qal li Zaren Vassallo huwa bniedem tesserat, attivist tal-Partiti (Nazzjonalista) u kien kunsillier ukoll tal-istess partit.

5. L-attur kien ukoll membru tal-Kunsill Amministrattiv tal-Partit Nazzjonalista, li hu kostitwit minn tmintax(18) -il ruh. Dan il-Kunsill jiddeciedi min jiehu l-kuntratti li jaghti l-Partit Nazzjonalista u ghal xiex.
6. Zaren Vassallo kien wiehed mill-kuntratturi li bena d-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista. Fl-intervista jirrizulta li l-attur qal li hu kien fuq l-adjudicating board biex jiddeciedu min se jibni d-Dar Centrali.
7. L-attur ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntratti pubblici li johorgu mill-Gvern u ma kien bl-ebda mod involuti fl-ghoti taghhom.
8. L-ewwel parti tan-news item kienet fil-maggor parti taghha intervista li gurnalist ta' One Television ghamel lill-attur. It-tieni parti tal-istess news item kienet riproduzzjoni ta' stqarrija li hareg fir-rigward il-Partit Laburista.
9. L-attur ihossu malfamat bit-tieni parti ta' din in-news item u cioe tar-riproduzzjoni tal-istqarrija tal-Partit Laburista fir-rigward.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-istqarrija tal-Partit Laburista li giet riprodotta fin-news item tal-ahbarijiet mxandar minn One Television u li l-attur ihoss li immalfamatu tifforma l-mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Joe Saliba vs Dr Alfred Sant pro et noe** (Rikors Nru: 276/07) moghtija illum stess. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti taghmel ampja riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha f'dik il-kawza u taghmilhom taghha fil-kawza odjerna.

Billi dan il-kaz, jikkoncerna gurnalist li qed jipprova jaghmel intervista lill-attur u mbaghad jirriproduci *verbatim* l-istqarrija tal-Partit Laburista, il-Qorti tirrileva li perfettament accettabbli f'socjeta demokratika li gurnalist isaqsi lil persuna pubblika, bhalma kien l-attur, jekk kienx jara xi kunflitt ta' interess fl-agir tieghu meta Segretarju Generali ta' Partit fil-Gvern imur btala fuq yacht ma kuntrattur promenenti.

Fis-sentenza **L-Avukat Dr. Louis Galea vs. Joe Mifsud**, deciza fit-3 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell qalet hekk: *"Gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampia protezzjoni f'socjeta demokratika. Anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist xorta jibqghalu d-dritt li jinvestiga u jistharregg fuq l-allegazzjoni – anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-ligi. Dak li jsir f'kaz ta'* <u>*gurnalizmu investigattiv serju*</u>*, anke meta*

*jirrizulta zball genwin, jista wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza* **Aquilina noe v. L-Avukat Generali et**, *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwistjoni: "Fil-kawza* ***Galea vs Mifsud***, *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, inqtal li gurnalizmu* investigattiv *ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et***, *Qorti tal-Appell 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilita ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjier (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *(2006) UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct). Dan kollu pero, ghar-raguni appena spjegata ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih.""*

Inoltre, fis-sentenza imsemmija **L-Avukat Dr. Louis Galea v. Joe Mifsud**, il-Qorti tal-Appell ikkwotat b'approvazzjoni dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet **De Haes et v. Belgium**, deciza fid-29 ta' Novembru 1995 u cioe *"... ... the general interest in a public debate which has a serious purpose outweighs the legitimate aim of protecting the reputation of others, even if such debate involves the use of wounding or offensive language."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**